



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 30.11.2006
KUMM(2006) 741 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

skond l-Artikolu 19(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE (it-trasport pubbliku lokali tal-passiġġieri, il-forzi armati, l-amministrazzjoni pubblika, l-ambulanzi)

1. DAĦLA

Skond l-Artikolu 19(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE¹ li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (minn hawn il-quddiem "Id-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija" jew "Id-Direttiva") flimkien mad-dispożizzjonijiet previsti fid-Direttiva, b'mod partikolari fl-Artikoli 5, 15 u 17 tagħha, il-Kunsill billi jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza kwalunkwe Stat Membru (li jkun talab dan) biex jintroduċi iktar eżenzjonijiet fiskali jew tnaqqis fiskali għal kunsiderazzjonijiet politiċi speċifiċi.

Il-Kummissjoni għandha teżamina t-talba. Wara dan, għandha jew tippreżenta proposta lill-Kunsill, jew inkella tinforma lill-Kunsill bir-raġunijiet għaliex ma pproponietx l-awtorizzazzjoni ta' miżura bħal din.

Fi ħdan qafas usa' ta' reviżjoni tad-derogi skond id-Direttiva tat-Taxxa fuq l-Enerġija li għandhom jiskadu sa l-aħħar ta' l-2006, il-Belġju, Franza, il-Greċja u l-Italja ressqu talbiet għal awtorizzazzjoni għal deroga mill-2007 'l quddiem mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija. Dawn l-Istati Membri beħsiebhom japplikaw għal eżenzjonijiet fiskali parzjali jew totali fil-kuntest ta' ċerti użi previsti fit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 5, tad-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija. Il-miżuri previsti ma jikkonformawx ma kundizzjoni partikolari stabbilita fl-Artikolu 5, li biha għandhom jitħarsu l-"livelli minimi tat-tassazzjoni preskritti" bid-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija. It-talbiet imsemmija hawn fuq ġew irreġistrati mad-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali²

L-għan ta' din il-komunikazzjoni huwa li tgħarraf il-Kunsill bir-raġunijiet għaliex il-Kummissjoni ma tippromponix l-awtorizzazzjonijiet mitluba.

2. SOMMARJU TAT-TALBIET

2.1. It-talba tal-Belġju

Il-Belġju jixtieq japplika għal eżenzjoni fiskali parzjali għaż-żejt (*gasoil*) (b'kontenut ta' kubrit li ma jaqbiżx il-50 mg/kg) użat bħala fjuwil fil-vetturi tat-trasport pubbliku lokali għall-passiġġieri. L-għan ta' din il-miżura huwa li tippromwovi l-iżvilupp tat-trasport pubbliku lokali tal-passiġġieri u, b'mod iktar orizzontali, biex issegwi l-għan tal-ħarsien ta' l-ambjent. Preċiżament, l-ammont tat-tnaqqis tat-taxxa huwa EUR 49.5787 għal kull 1 000 litru ta' żejt (li jwassal ir-rata tat-taxxa għal inqas mil-livell minimu ta' tassazzjoni previst bid-Direttiva).

It-talba ma tipprevedi l-ebda data ta' terminazzjoni.

¹ Id-Direttiva 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003 p. 51; Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttivi 2004/47/KE u 2004/75/KE (ĠU L 157, 30.04.2004, p. 87 u p.100).

² Fit-13 ta' Ottubru 2006 (Il-Belġju); fis-16 ta' Ottubru 2006 (Franza), fit-13 ta' Ottubru 2006 (Il-Greċja), u fis-17 ta' Ottubru 2006 (L-Italja).

2.2. It-talba Franciża

Franza tixtieq teżenta mit-tassazzjoni l-petrol u ż-żejt (*gasoil*) li jintużaw fit-*taxis* sa kwota annwali ta' 5 000 litru għal kull vettura. Barra minn hekk, tixtieq teżenta mit-tassazzjoni l-*LPG* u l-*LNG* li jintużaw fit-*taxis* sa kwota annwali ta' 9 000 litru għal kull vettura. Skond Franza, l-għan tal-miżura huwa li jkun hemm appoġġ għal attività b'karatteristiċi simili għas-servizz tat-trasport pubbliku.

B'mod partikolari, Franza tenfasizza li l-operazzjoni tat-*taxis* tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-politika ambjentali u l-iżvilupp territorjali. Fiż-żoni rurali li m'għandhomx trasport pubbliku, it-*taxis* jissostitwixxu s-servizz tat-trasport pubbliku, b'mod partikolari għal dawk li ma għandhomx karozzi. Barra minn hekk, f'ċerti distretti mingħajr l-ebda forma ta' trasport pubbliku, it-*taxis* pereżempju jipprovdu t-trasport ta' l-iskejjel. Fiż-żoni urbani, it-*taxis* jikkontribwixxu għal tnaqqis fl-għadd totali ta' karozzi tal-passiġġieri fiċ-ċirkulazzjoni.

Franza tkompli tispjega li l-operazzjoni tat-*taxis* tikkontribwixxi wkoll għall-politika tas-saħħa, minħabba li f'ċerti żoni dawn jissostitwixxu l-ambulanzi (f'ċerti żoni rurali, attività bħal din tista tirrappreżenta sa 80% tad-dħul totali ta' *taxi* partikolari).

Din it-talba tipprevedi data ta' terminazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2012.

2.3. It-talba Griega

Il-Greċja tixtieq teżenta mit-taxxa tas-sisa l-forzi armati nazzjonali, il-fjuwils użati biex iħaddmu l-vetturi uffiċjali tal-Ministeru tal-Presidenza u l-korp nazzjonali tal-pulizija. Dawn il-miżuri huma marbuta ma' l-għanijiet tad-difiża u s-sigurtà nazzjonali.

It-talba ma tipprevedi l-ebda data ta' terminazzjoni.

2.4. It-talba Taljana

L-ewwelnett, l-Italja tixtieq teżenta l-forzi armati nazzjonali mit-taxxa tas-sisa. L-għan tal-miżura huwa li tikkontribwixxi għall-ilħiq ta' miri nazzjonali u Komunitarji tas-sikurezza pubblika u l-ordni pubblika, inklużi l-kontroll tal-fruntieri u l-għlieda kontra t-terroriżmu u t-traffikar illegali.

It-tieni, l-Italja tixtieq tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni ugwali għal 40% tar-rata nazzjonali għall-petrol, għad-*diesel*, u għall-gass naturali li jintużaw bħala fjuwils għat-*taxis* awtorizzati biex iħaddmu s-servizz taħt is-sorveljanza ta' l-awtoritajiet lokali. L-inċentiv fiskali jingħata f'termini ta' ġranet u tal-vettura u l-ammont tiegħu jonqos ma' l-għadd ta' abitanti fid-distrett. L-Italja tiġġustifika din il-miżura abbażi tas-servizz pubbliku. It-*taxis* jissostitwixxu t-trasport pubbliku f'żoni b'aċċess diffiċli għat-trasport pubbliku (ċentri storiċi, żoni remoti) u jgħinu wkoll biex jeliminaw il-konġestjoni tat-traffiku fil-bliet minħabba li jnaqqsu l-bżonn għal vetturi privati.

L-Italja saħqet li jekk l-iskema tiġi adattata għall-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5, din għandha twassal għal żieda fil-prezzijiet u tkun teħtieġ xi aġġustamenti fil-prezzijiet tat-*taxis* applikati bi ftehim mal-Kunsilli lokali.

It-tielet, l-Italja tixtieq tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni ugwali għal 40% tar-rata nazzjonali għall-petrol, għad-*diesel*, u għall-gass naturali li jintużaw bħala fjuwils għall-

ambulanzi mħaddma minn persuni li jaħdmu fuq bażi mhux ta' qligħ. Din il-miżura hija ġġustifikata abbażi tal-politika tas-saħħa u dik soċjali.

L-Italja saħqet li l-adattament ta' l-iskema għall-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 5 għandu jwassal għal żieda fl-ispejjeż ta' l-organizzazzjonijiet li jaħdmu fuq bażi mhux ta' qligħ.

Din it-talba tipprevedi data ta' terminazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2012.

3. L-ISFOND GĦAT-TALBIET

Skond it-tielet inċiż ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva tat-Taxxa fuq l-Enerġija, l-Istati Membri jistgħu japplikaw rati ddifferenzjati ta' tassazzjoni għall-użi li ġejjin: it-trasport lokali pubbliku għall-passiġġieri (li jinkludi t-taxis), il-ġbir ta' l-iskart, il-forzi armati u l-amministrazzjoni pubblika, il-persuni b'diżabilità, l-ambulanzi; Il-kundizzjoni prinċipali marbuta ma din l-għażla hija li għandhom jitħarsu l-livelli minimi ta' tassazzjoni preskritti fid-Direttiva.

Din id-dispożizzjoni mhux obligatorja ġiet inkluża fid-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija fuq il-baży ta' l-esperjenza miksuba matul id-Disgħinijiet, li matulhom il-Kunsill kien ta bosta derogi skond l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/81/KEE³ l-għan kien li l-Istati Membri jingħataw flessibilità f'ċerti oqsma, filwaqt li jkun żgurat li jitqiesu bis-sħiħ il-fatturi li abbaży tagħhom issir id-determinazzjoni tal-livelli minimi ta' tassazzjoni previsti bid-Direttiva. Din l-intenzjoni hija evidenti l-iktar għat-trasport pubbliku. Fir-rapport tagħha ppubblikat fl-1996 dwar id-derogi mogħtija skond l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 92/81/KEE⁴, il-Kummissjoni kkonkludiet li "d-derogi għandhom jinżammu sakemm tiġi introdotta regola ġenerali bħala parti mill-qafas Komunitarju komuni għat-tassazzjoni tal-prodotti ta' l-enerġija u għallinqas sal-31 ta' Diċembru 1998" [traduzzjoni mhux uffċjali]⁵.

Din l-istrateġija ġiet riflessa wkoll fil-proposta ta' l-1997⁶ li wasslet għall-adozzjoni tad-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija fl-2003. Il-proposta kellha l-għan li lill-Istati Membri tagħtihom ċerta flessibilità biex isegwu l-għanijiet tal-politika nazzjonali tagħhom filwaqt li jiġi żgurat li qed jitħares l-interess Komunitarju. Ir-rekwiżit biex jitħarsu l-livelli minimi ta' tassazzjoni jirrifletti, minbarra l-ħtiġijiet tas-suq intern, l-importanza għaż-żamma ta' l-inċentivi għall-effiċjenza ta' l-enerġija u l-ħarsien ta' l-ambjent, ħtieġa li tapplika wkoll għat-trasport pubbliku. Waqt in-negożjati tal-Kunsill fuq id-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija, l-ambitu tad-dispożizzjoni rilevanti ġie elaborat iktar, iżda l-prinċipju fundamentali tagħha, u għalhekk ir-rekwiżit biex jitħarsu l-livelli minimi ta' tassazzjoni, inżammu.

Fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Ġunju 2006, *Reviżjoni tad-derogi fl-Annessi II u III tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE li jiskadu sa l-aħħar ta l-2006* (minn hawn 'il quddiem "il-Komunikazzjoni ta' l-2006")⁷, il-Kummissjoni pprovdiet ħarsa ġenerali tal-flessibilità vasta li tinstab fid-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija u kkonfermat li d-derogi għall-fjuwil użat

³ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/81/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni ta' l-istrutturi tad-dazji tas-sisa fuq iż-żjut minerali (ĠU L 316, tal-31.10.1992); Id-Direttiva rrevokata flimkien mad-Direttiva tal-Kunsill 92/82/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-approssimazzjoni tar-rati tad-dazji tas-sisa fuq iż-żjut minerali mill-31 ta' Diċembru 2003 permezz tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE.

⁴ COM(96) 549, ta' l-14 ta' Novembru 1996

⁵ Taqsima 5.5 tar-rapport.

⁶ COM(1997) 30 tat-12 ta' Marzu 1997. Ara b'mod partikolari l-abbozz ta' l-Artikolu 5.

⁷ COM(2006) 342 tat-30 ta' Ġunju 2006 Reviżjoni tad-derogi fl-Annessi II u III tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE li jiskadu sa l-aħħar ta' l-2006.

fil-każijiet ta' hawn fuq ma għadhomx meħtieġa minħabba li hemm prevista b'mod espliċitu dispożizzjoni xierqa fit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva.

4. EVALWAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

F'dan li ġej, il-Kummissjoni sejra tevalwa t-talbiet sakemm il-miżuri intenzjonati mill-Istati Membri applikanti mhumiex koperti bl-Artikolu 15 (1) (i) tad-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija (ara ukoll l-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fl-aħħar tal-komunikazzjoni preżenti).

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-parti l-kbira tal-preokkupazzjonijiet ippreżentati mill-Istati Membri sabiex jiġġustifikaw il-ħtieġa għall-awtorizzazzjoni rikjesta huma eżattament l-istess bħal dawk li oriġinalment wasslu għall-inklużjoni tat-tielet inċiż ta' l-Artikolu 5, tad-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija.

Ta' min jinnota li l-kliem tat-tielet inċiż ta' l-Artikolu 5 jelenka ċerti użi li għalihom il-Kunsill kien ta' ċerti derogi fil-passat. Il-preokkupazzjonijiet abbażi ta' dawn id-derogi għalhekk jitqiesu bis-siġħ fl-imsemmija dispożizzjoni. Fl-istess waqt, l-Artikolu 5 jesprimi l-ħtieġa għal rikonċiljazzjoni ta' dawn il-preokkupazzjonijiet ma dawk abbażi l-livelli minimi ta' tassazzjoni, b'mod partikolari biex jinholq pjan ta' kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd fi ħdan is-suq intern u biex jinżamm l-inċentiv għal użu aktar effiċjenti ta' l-enerġija u l-ħarsien aħjar ta' l-ambjent. Dawn l-aspetti huma parti mill-interessi u l-politiki Komunitarji msemmija b'mod espliċitu fit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 19 (3).

Barra minn hekk, ta' min jinnota li skond l-Artikolu 15 (1)(i), tista' tingħata eżenzjoni fiskali sħiħa lil ċerti fjuwils alternattivi (*LPG* u gass naturali) meta dawn jintużaw bħala *propellant*. F'dawn il-każijiet, il-leġiżlatur komunitarju, f'dan l-istadju, jikkunsidra li hu għustifikat li ma jżommx inċentiv favur l-effiċjenza ta' l-enerġija.

Kollox ma kollox, il-Kunsill waqt li aġixxa b'mod unanimu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 93 tat-Trattat, diġà kellu l-opportunità li jistabbilixxi bilanċ bejn il-konsiderazzjonijiet ta' politika li jistgħu jkunu favur trattament fiskali iktar favorevoli tal-fjuwil użat fl-oqsma relevanti. Il-kundizzjonijiet stabbiliti għal dawn l-għanijiet fid-Direttiva jirriflettu l-interessi stipulati fit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 19(1) tad-Direttiva, u jinkludu t-tħaddim xieraq tas-suq intern, l-eżiġenza biex tkun żgurata l-konkorrenza leali u l-politiki Komunitarji tas-saħħa, ta' l-ambjent, ta' l-enerġija u tat-trasport.

It-talbiet fil-kwistjoni għandhom jiġu evalwati fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet.

4.1. It-trasport pubbliku lokali tal-passiġġieri (inklużi t-taxis)

Kif diġà ġie indikat fil-Komunikazzjoni ta' l-2006, id-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija fiha qafas komprensiv għall-promozzjoni tat-trasport pubbliku.

Fir-rigward tat-tħaddim tat-trasport pubbliku lokali tal-passiġġieri, inklużi b'mod partikolari t-taxis, it-tielet inċiż ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija tagħraf li dawn il-mezzi huma preferibbli għall-użu tal-karozzi privati. F'dan il-kuntest, ma tista' tingħata l-ebda pożizzjoni partikolari lit-taxis, għaliex l-Artikolu 5 jaċċetta li jittrattahom b'mod simili għat-trasport pubbliku lokali tal-passiġġieri u jqegħidhom fuq l-istess livell ta' mezzi oħra ta' l-istess kategorija. Bħala riżultat ta' dan, l-għanijiet tal-politika mressqa mill-Istati Membri interessati f'dan il-kuntest mhumiex speċifiċi meta mqabbla ma dak li diġà ġie meqjus permezz ta' l-Artikolu 5. Ir-raġonament ta' hawn fuq jimplika wkoll li l-aspetti msemmija fit-

tielet inċiż ta' l-Artikolu 19(1), u b'mod aktar preċiż, il-politika Komunitarja ta' l-ambjent, ta' l-enerġija u tat-trasport, għandhom jopponu l-għoti ta' l-awtorizzazzjonijiet mitluba. Fir-rigward tal-kwistjoni tal-kompetizzjoni ġusta, ta' min jinnota li l-eżenzjoni tal-fjuwil użat mit-taxis jista', għallinqas f'ċerti każi, tgħawweġ ir-relazzjoni bejn dawn u mezzi oħra ta' trasport pubbliku.

Sakemm l-Istati Membri li qed jagħmlu t-talba jressqu ċerti funzjonijiet atipiċi li jaqduhom it-taxis f'sitwazzjonijiet lokali partikolari, l-għoti ta' l-awtorizzazzjoni mitluba mhux ġustifikat. L-ewwelnett, hemm nuqqas ta' qbil bejn l-ispeċifità tas-sitwazzjonijiet mmirati mal-kunsiderazzjonijiet tal-politika mressqa, minn naħa, u l-karattru ġenerali tal-vantaġġ fiskali ġġenerat previst fuq in-naħa l-oħra. Barra minn hekk, u b'mod iktar ġenerali, is-sitwazzjonijiet fil-kwistjoni jistgħu jiġu ttrattati b'mod iktar xieraq mill-istrumenti kompatibbli mal-liġi Komunitarja u li jirriflettu s-servizzi speċifiċi ta' l-operaturi fil-kwistjoni, minflok eżenzjoni mit-taxxi relattiva għas-sempliċi konsum tal-fjuwils. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-kunsiderazzjonijiet imsemmija ma jiġġustifikawx devjazzjoni mill-ħtieġa għall-ħarsien tal-livelli minimi ta' tassazzjoni sabiex jiżguraw konformità ma l-għanijiet ta' l-ambjent Komunitarju u l-politika ta' l-enerġija.

4.2. Il-forzi armati u l-amministrazzjoni pubblika

Skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar l-Enerġija, filwaqt li jistgħu jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet tal-politika nazzjonali marbuta mal-forzi armati u l-amministrazzjoni pubblika, il-kunsiderazzjonijiet dwar l-effiċjenza ta' l-enerġija u l-ħarsien ta' l-ambjent għandhom imexxu l-attivitajiet pubbliċi fuq l-istess livell minimu bħal fl-attivitajiet privati. Għalhekk, il-kwistjonijiet mqajma fir-rigward tat-trasport pubbliku lokali tal-passiġġieri (ġeneralment) huma applikabbli b'mod ugwali fil-kuntest attwali.

4.3. Ambulanzi

Fil-passat, żewġ Stati Membri ingħataw derogi li tawhom permess jeżentaw mit-taxxa tas-sisa l-fjuwil li jintuża għall-ambulanzi. Dan, flimkien mad-deroga marbuta mal-persuni b'diżabilità kien ibbażat fuq il-politika tas-saħħa u dik soċjali. Fl-istadju attwali, l-operazzjoni ta' l-ambulanzi huwa, għall-istess raġunijiet, inkluż b'mod speċifiku fit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva, flimkien ma' l-użu mill-persuni b'diżabilità. Għar-raġunijiet diġà msemmija, din id-dispożizzjoni teħtieġ li jiħarsu l-livelli minimi ta' tassazzjoni. Kwalunkwe ħtiġijiet mhux ikkumpensati bit-tnaqqis fiskali għal-livelli minimi ta' tassazzjoni jistgħu jiġu koperti permezz ta' strumenti xierqa ta' appoġġ dirett kompatibbli mal-liġi Komunitarja.

Il-kunsiderazzjonijiet stipulati hawn fuq fir-rigward tat-tielet inċiż ta' l-Artikolu 19(1), u l-politika Komunitarja ta' l-ambjent ta' l-enerġija u tat-trasport japplikaw hawnhekk ukoll.

5. KONKLUŻJONI

Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-ebda waħda minn dawn it-talbiet m'għandha kunsiderazzjonijiet speċifiċi ta' politika li jistgħu jvarjaw minn dawk li wasslu għall-inklużjoni tat-tielet inċiż ta' l-Artikolu 5 fid-Direttiva dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija. Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni stess turi li l-politiki Komunitarji ta' l-ambjent, ta' l-enerġija u tat-trasport, kif imsemmija fit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 19(1), jopponu l-għoti ta' awtorizzazzjonijiet bħal dawk mitluba mill-erba' Stati Membri kkonċernati fil-komunikazzjoni preżenti.

L-Istati Membri msemija kellhom żmien suffiċjenti biex jadattaw għall-bilanċ stabbilit mill-leġiżlatur Komunitarju. Għal ħtiġijiet soċjali u/jew lokali speċifiċi ħafna, strumenti għajr it-taxxi tas-sisa (u li ma jfixklux ir-rekwiżiti minimi tad-Direttiva tat-Taxxa fuq l-Enerġija) jidhru li huma rmedju ħafna iktar xieraq⁸.

Il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19 ma għewx sodisfatti. Għaldaqstant, il-Kummissjoni **ma tipproponix l-awtorizzazzjonijiet** mitluba mill-erba' Stati Membri applikanti.

Sakemm it-talbiet attwali jirreferu għall-użu ta' fjuwils alternattivi pprivileġġjati skond l-Artikolu 15 (1)(i), ta min jinnota li skond din id-dispożizzjoni l-eżenzjonijiet jew it-tnaqqis jistgħu jingħataw mill-Istati Membri mingħajr l-ebda intervent tal-Kummissjoni u tal-Kunsill. Għaldaqstant, u skond it-test u l-ispirtu ta' l-Artikolu 19, eżenzjonijiet jew tnaqqis bħal dawn ma jaqgħux fi ħdan l-ambitu ta' din id-dispożizzjoni. Jirriżulta wkoll li dawn jaqgħu lil hinn mill-konklużjoni stipulata immedjatament hawn fuq.

⁸ Bla ħsara għal dispożizzjonijiet Komunitarji oħra, b'mod partikolari għar-regoli tat Trattat dwar l-għajjnuna ta' l-Istat.